MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 136/2006

**Talba Nru: 136/06PBC**

**Salvu Soler ( ID Nru 842254(M) )**

**Vs**

**Joseph Sammut ( ID Nru 262650 (M) )**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u dan billi l-attur wettaq xoghlijiet ta` kostruzzjoni lill-konvenut li ghad ghandu jaghti lill-attur is-somma ta` elf sitt mija w erbghin lira Maltin (Lm1,640) kif ser jigi ppruvat fil-kors ta` din il-kawza, liema somma ghal finijiet ta` kompetenza ta` dan it-Tribunal qed titnaqqas is-

somma ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Bl-imghax legali mid-data ta` meta x-xoghol tlesta fl-1990 sad-data tal-hlas effettiv. Din it-talba kienet l-oggett ta` citazzjoni 1063/91 fl-ismijiet "Joseph Sammut Vs Salvu Soler" u l-Kontro-Talba relattiva, liema proceduri marru dezerti fit-3 ta` Mejju, 2005 u ghaldaqstant it-talba attrici ghadha m'hijiex preskritta. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` Ittra Interpellatorja ta` l-24 ta` Jannar, 2006.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba hija preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2148 (A) tal-Kodici Civili Kap. 16 u alternattivament ai termini ta` l-Artikolu 2149 (A) tal-Kodici Civili Kap. 16.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xhieda tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi, Joseph Sammut u ta` Salvu Soler.

Ra l-atti kollha tal-kawza citazzjoni 1063/91 Joseph Sammut Vs Salvu Soler li marret dezerta fit-3 ta` Mejju, 2005.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra s-sentenza preliminari ta` dan it-Tribunal tas-27 ta` Gunju, 2006 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Joseph Ellis ghall-attur u ta` Dr Martin Fenech ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi Salvu Soler jaghmel xoghol ta` bennej u gie nkarigat minn Joseph Sammut sabiex jaghmel xoghol ta` zvilupp fil-proprjeta` tieghu f'San Gwann. Dawn ix-xoghlijiet saru fl-1989/1990. Qamet vertenza bejn il-partijiet u fil-fatt Joseph Sammut intavola citazzjoni kontra Salvu Soler fejn

ikkontenda li Salvu Soler, il-bennej, kien inadempjenti fl-inkarigu lilu moghti u da parti tieghu Soler filwaqt li kkontesta l-kawza ntavola Kontro-Talba ghall-ammont ta` elf sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,636.47c) rapprezentanti bilanc minnu pretiz ta` xoghlu liema Kontro-Talba wkoll giet ikkontestata.

F'dik il-kawza l-provi kollha ngabru mill-allura Perit Rene` Buttigieg izda minkejja li l-Perit hejja r-Rapport tieghu, w anki hareg kont u l-partijiet hadu konjizzjoni tal-kont tieghu, r-Rapport tieghu baqa` ma thallasx u ghalhekk ma giex inserit fil-kawza u lanqas m'hemm f'dak il-process id-dokumenti li gew esebiti waqt l-andament ta` l-istess kawza u t-Tribunal kellu joqghod biss fuq ix-xhieda hemm prodotta.  Billi hadd mill-partijiet ma wera aktar interess f'dik il-kawza, din marret Sine Die w eventwalment waqghet Dezerta.

Issa fil-kawza odjerna, l-attur, li huwa l-bennej, qieghed jitlob li jithallas il-bilanc tal-prezz ta` xoghlu u dan billi fil-Qorti hemm iddepozitat l-ammont ta` elf sitt mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,618.23c) "sabiex jigu rtirati minn min ikun intitolat ghalihom jew parti minnhom wara li tigi deciza l-kawza msemmija bejn il-partijiet."  (Vide fol 33).
Illi t-Tribunal jidhirlu illi f'din il-kawza z-zewg partijiet ghandhom ragun ftit jew wisq.

Da parti ta` l-attur jirrizulta illi huwa ma thallasx ta` xoghlu, almenu ghad fadal bilanc pendenti u jekk wiehed jara l-kontijiet kif suppost, bl-addizzjonijiet korretti, jigi li x-xoghol tieghu tela` ghall-ammont ta` tlettax-il elf mija w erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm13,174.34c) li minnu huwa thallas ghaxart elef disa` mija u sebghin lira Maltin (Lm10,970) biex b'hekk mad-daqqa t'ghajn jidher li hemm bilanc ta` elfejn mitejn u erba` liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2,204.34c).

Da parti tieghu l-konvenut qieghed isostni illi hemm certu xoghol li m'ghandux jithallas ghalih u semma` li hemm pilastru li gie kkontjat izda effettivament ma sarx u inoltre,

hemm xoghol hazin li kellu jqabbad lil haddiehor biex jirrangah u ta` dan nefaq l-ammont ta` sitt mija w erbghin lira Maltin (Lm640). Inoltre jilmenta li l-bennej dam aktar milli miftiehem biex ilesti u xi drabi kien sporadiku fl-attendenza. Sahansitra kien hemm okkazjoni fejn il-konvenut wasal biex kwazi qabbad lil xi hadd iehor biex ikompli biex jipprovoka lill-attur biex jigi lura fuq il-lant tax-xoghol.

It-Tribunal ihoss illi ghalkemm mill-parti wahda l-attur ghandu dritt jithallas ta` xoghlu *(omnia labor habet praemium)* pero`, apparti li l-appalt ma jidhirx li gie kkompletat. It-Tribunal jidhirlu wkoll illi l-attur m'ghandux jithallas ghall-pilastru zejjed li gie kkontjat u li ma sarx u inoltre m'ghandux jithallas ghax-xoghol li ma kienx sodisfacenti u dawn il-partijiet tal-kont tieghu mhux ser jigu akkolti, u dan minghajr ma wiehed isemmi t-terturi li ta lill-konvenut biex jaghmillu x-xoghol ta` kostruzzjoni. Id-dewmien certament wassal lill-konvenut biex jitlef opportunita` biex jikri parti mill-proprjeta` ghall-kompetizzjoni sportiva.

Dan it-Tribunal mhux mghejjun bl-assistenza ta` Espert Tekniku in materja u ma jhossx li ghandu jirreferi l-kaz ghal tali perizja. Il-litigju huwa pendenti z-zejjed u mill-iter kif fuq spjegat m'hijiex eskluza l-possibbilta` li anki jekk jitqabbad Espert Tekniku, li l-partijiet ser ihallsuh.

Minhabba f'hekk huwa difficli ghat-Tribunal li jikkonteggja b'mod preciz l-affarijiet u ghalhekk it-Tribunal ikollu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq bazi ta` ekwita` u dak li jhoss li huwa gust u xieraq biex jaghmel il-gustizzja bejn il-partijiet. Biex jaghmel hekk it-Tribunal qed izomm quddiem ghajnejh il-fatturi kollha fuq imsemmija.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi kollox ma` kollox, tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-provi prodotti li gew a konoxxenza ta` dan it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-ammont gust u xieraq li ghandu jircievi l-attur huwa l-ammont ta` elf lira Maltin (Lm1,000) u tenut kont li dan l-ammont huwa nferjuri ghal dak mitlub mill-attur ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Inoltre, dwar l-interessi, stante illi l-ammont qieghed jigi llikwidat permezz ta` din is-sentenza u stante li ammont superjuri kien gja` ddepozitat il-Qorti, l-interessi fuq l-istess somma ghandhom jiddekorru [1]mid-data ta` din is-sentenza, cioe` mit-12 ta` Dicembru, 2006.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` in parte t-talba ta` l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` elf lira Maltin (Lm1,000) bl-interessi b'effett mid-data ta` din is-sentenza. L-ispejjez ta` din il-kawza huma kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] B'digriet tat-30 ta' Jannar, 2007